KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 – Il-Ħamis, 29 TA' MEJJU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 13.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

13.1.1 Ma kienx hemm.

## 13.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

13.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (13) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

13.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 13.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

13.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien imsejjaħ biex ikun membru tal-Bord tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp PA 5448/16 - To construct petrol/service station, car wash, ATM and fixing of signs. Site at Triq Tal-Balal, Iklin.

Is-seduta kienet skedata għal nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju fl-1000hrs u s-Sindku Dott Dorian Sciberras ikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu biex ikun qed jirrapreżenta lill-Kunsill Lokali L-Iklin fuq dan il-Bord. Is-Sindku ikollu dritt tal-vot bħala membru tal-Bord tal-Ippjanar meta l-Bord tal-Ippjanar jiġi biex jiddelibera u jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet ta' proġetti maġġuri.

L-applikant talab biex jagħti aktar żmien biex jinstema dan il-każ minħabba raġunijiet tiegħu liema talba ġiet milqugħa mic-*chairman* u l-każ ġie differit għal tliet ġimgħat oħra. Ic-*chairman* tal-Bord ikkionkluda li ma kienx se jerġa jippermetti talba oħra għal differiment.

13.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien imsejjaħ biex ikun membru tal-Bord tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp PA/1304/20 - Site at Road Servicing Ltd, Triq il-Ħwawar, Ix-Xwieki, Iklin 'PA 1304/20 – *Sanctioning of existing structures (including jaw crusher, conveyor, weighing scale and generator). Sanctioning of stockpiling base, machinery parking area and existing hard landscape within part of the site. Sanctioning of additions to pre-68 structures (fuel point for private use only in relation to the site, fuel tank and water tank). Proposed extension to stores and parking area for heavy machines approved by virtue of PA/02530/04 and construction of office space. Proposal also includes roofing over the existing conveyor, non-solid screen for fuel tank on top of pre-68 building, and two security gates within the approved boundary wall. Site at Road Servicing Ltd, Triq il-Hwawar, Ix-Xwieki, Iklin.*

Is-Sindku informa li meta wieħed iħares lejn il-*planning history* ta' din l-applikazzjoni, jirriżulta li kien hemm storja ta' rifjut matul dawn l-aħħar snin u l-Kunsill kien issottometta rappreżentazzjoni u dejjem żamm mal-istess pożizzjoni biex jissalvagwardja dejjem l-ewwel u qabel kollox l-interessi komuni tar-residenti tal-Iklin.

Is-seduta kienet skedata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju fl-1000hrs u s-Sindku Dott Dorian Sciberras ikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu biex ikun qed jirrapreżenta lill-Kunsill Lokali L-Iklin fuq dan il-Bord. Is-Sindku kellu dritt tal-vot bħala membru tal-Bord tal-Ippjanar meta l-istess Bord jiġi biex jiddelibera u jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet ta' proġetti maġġuri.

Is-Sindku Dott Sciberras għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali L-Iklin ivvota kontra l-iżvilupp. Mill-bqija tal-membri kulħadd favur. L-applikazzjoni bin-nru. PA/1304/20 għan-nom ta' Road Servicing Ltd kien approvat.

Id-deċiżjoni ġiet ippubblikata mis-Segretarju tal-Bord tal-Ippjanar nhar il-21 ta' Mejju 2025.

13.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell waqt is-seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025 fil-każ ta' Alfred Borg u Costantino Borg bħala soċji, għan-nom u in rappreżentanza ta' Alfred u Costantino Borg partnership en nom collectif u Emanuel Borg v Kunsill Lokali Iklin.

Is-Sindku informa li l-Kunsill, b'rikors tal-appell imressaq fid-29 ta' Mejju 2024, il-Kunsill Lokali L-Ikin talab it-tħassir ta' din is-sentenza fuq is-saħħa ta' żewġ aggravji fejn ilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet għarbiel ħażin tal-fatti u ħadmet ħażin il-liġi kemm minħabba li l-atturi ma ppruvawx l-element tal-pussess u l-allegat att spoljattiv u kif ukoll minħabba li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-fatt li l-allegat att spoljattiv twettaq mill-Kunsill Lokali fuq id-direzzjoni tas-sidien tal-proprjetà in kwistjoni.

Il-Qorti ċaħdet l-appell tal-Kunsill Lokali L-Iklin u kkonfermat f'kollox is-sentenza tal-Ewwel Qorti bl-ispejjeż kollha li l-Kunsill għandu jħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell għal darbtejn minħabba li nstab li l-appell huwa tabilħaqq fieragħ u vessatorju.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill irid issa jonora s-sentenza tal-Qorti u se jkun qed jordna lill-kuntrattur biex il-ħitan tas-sejjiegħ isir preċiżament skont ir-ritratt esibit li jissemma fil-kawża.

13.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar ix-xogħlijiet fi Triq il-Klin fejn il-proġett li kien jikkonsisti fit-tibdil tas-servizzi tal-ilma, tibdil tal-bankini u l-asfaltar tat-triq wasal fit-tmiem tiegħu fadal pendenti l-marki taż-żebgħa.

Is-Sindku irringrazzja pubblikament lill-Aġenzija Infrastructure Malta tal-proġetti li saru f'dawn l-aħħar sentejn fil-lokalità tal-Iklin.

Il-programm tax-xogħlijiet proposti mill-Kunsill Lokali kienu Triq Ġużè Pesci, Triq Mons. P.P. Saydon, Trejqet il-Poeti, Triq il-Ħarruba, Triq il-Plejju, Triq Alfons Marija Galea, Triq Stefano Erardi u Triq il-Klin.

13.3.5 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar ir-rapport li kien ikkummissjonat mill-Kunsill Lokali L-Iklin dwar il-ħtieġa tar-riċerka legali rigward l-inkonvenjent u jew disturb lir-residenti taż-żona ġġenerat mill-*asphalt batching plant* lokalizzat fl-Iklin fejn ġie pprezentat l-abbozz. Dan id-dokument iħares lejn leġiżlazzjoni speċifika tal-UE biex jiddetermina jekk id-Direttivi tal-Unjoni dwar din l-industrija ġewx trasposti għal-liġi Maltija, jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni, jivvaluta jekk jaqgħux fl-ambitu ta' tali leġiżlazzjoni, u kwalunkwe rimedji possibbli skont il-leġiżlazzjoni għall-ilmenti tar-residenti tal-lokalità tal-Iklin u tal-lokalitajiet ġirien. Is-Sindku informa li d-dokument se jkun qed jiddiskutih mall-Kumitat *ad hoc* li twaqqaf fi ħdan il-Kunsill dwar din il-kwistjoni biex eventwalment dan ir-rapport komprensiv, dokument pubbliku inkunu nistgħu ngħadduh lil min lest jassisti dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku fakkar li fil-laqgħa li kienet saret mal-MEP Dott Peter Agius fi Frar ta' din is-sena dwar din il-kwistjoni, bl-iskop li joffri l-assistenza tiegħu f'din il-kawża. Is-Sindku se jżomm lill-Kunsill aġġornat dwar aktar żviluppi fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

13.3.6 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar id-diffikultà li l-Kunsill ilu jħabbat wiċċu magħha għal dawn l-aħħar snin dwar l-*overflow* ta' drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos. Is-Sindku informa li wara diversi laqgħat li l-Kunsill sejjaħ mal-istess Korporazzjoni biex jinstab rimedju, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma laqgħet it-talba tal-Kunsill u beda x-xogħol fuq l-infrastruttura tad-drenaġġ fejn prattikament ser jiddevjaw l-infrastruttura *underground* għal Triq San Mikiel. Is-Sindku laqa' din l-aħbar bil-ferħ għaliex wara ħafna pressjoni *da parte* tal-Kunsill, wasalna biex din id-diffikultà li kienet qed toħloq inkonvenjent kbir lir-residenti li jirrisiedu fi Triq Ġeronimo Abos ser tiġi solvuta għall-ġid komuni tar-residenti.

## 13.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

13.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-26 ta' April u s-27 ta' Mejju 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (26 April - 27 May 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 109 | 29/04/2025 | Hemm l-Oleander ta' quddiem in-no 46, fi Triq Geronimo Abos iffullat ħafna. Qed tkun ta' ostaklu għall-pubbliku. | settled | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 110 | 29/04/2025 | Hemm ħofra fiz-Zebra Crossing ta' Triq G Abos ta' quddiem il-53 | settled | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 111 | 29/04/2025 | Dan ir-resident qed jerġa' jilmenta fuq il-gradilja ta' quddiem il-111 u t-tappiera ta' quddiem il-107 fi Triq il-Wied. Dan irrabbjat ħafna u jrid li l-Kunsill jieħu azzjoni għax bl-emails mhux qed naslu | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 112 | 29/04/2025 | (2) bozoz mitfija fi Trejqet il-Fulija | settled | Trejqet il-Fulija | **ENEMALTA** |
| 113 | 30/04/2025 | Hemm tappieri square jħabbtu quddiem 111 u 113, Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 114 | 30/04/2025 | Ġurdien mejjet bejn 54 u 56 Tirq Muzika | settled | Triq il-Mużika | **CLEANSING** |
| 115 | 30/04/2025 | Qattus mejjet fi Triq il-Ħwawar faċċata ta Sqaq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **CLEANSING** |
| 116 | 02/05/2025 | Hemm tappieri square iħabbtu quddiem 111 u 113, Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 117 | 02/05/2025 | Hemm (2) bozoz ma' jixegħlux fi Triq il-Luq | pending | Triq il-Luq | **CONTRACTOR** |
| 118 | 02/05/2025 | Biex jinqata' l-ħaxix ta' Triq K Vassallo, fejn hemm doggy bin u t-trejqa | settled | Triq K Vassallo | **COUNCIL** |
| 119 | 05/05/2025 | Bozza maqtugħa 26, Gardenia Triq G Pesci W 079/28 | pending | Triq G Pesci | **CONTRACTOR** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 120 | 06/05/2025 | Hemm tappieri square iħabbtu quddiem 111 u 113, Triq il-Wied. Din ir-residenta xebgħet tilmenta u wasal iż-żmien li l-Kunsill jieħu azzjoni għax bl-emails mhu qed naslu mkien | pending | Triq il-Wied | **IM** |
| 121 | 06/05/2025 | Talba biex isir *refreshing* ta' kaxxa safra faċċata ta' 68, Triq Ġużè Galea | pending | Triq Ġużè Galea | **COUNCIL** |
| 122 | 07/05/2025 | Hemm bozza maqtugħa mall-ħajt bejn Triq il-Klin u Triq LF Mizzi | pending | Triq il-Klin | **CONTRACTOR** |
| 123 | 07/05/2025 | Hemm ħafna ħaxix fi Triq Frederick Borg. Qatt ma' jinqata' | settled | Triq Frederick Borg | **CLEANSING** |
| 124 | 12/05/2025 | Hemm id-dawl ta' barra tal-area mir-roundabout ta' fejn stabbiliment tan-negozju sa Triq l-Awrikarja mhux jixgħel | settled | Triq G Abos/Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 125 | 12/05/2025 | Hemm bozza ma' tixgħelx fi Triq il-Plejju u oħra fi Triq il-Prinjol | closed | Triq il-Plejju/Triq il-Prinjol | **ENEMALTA** |
| 126 | 10/05/2025 | Boroż suwed fi Triq il-Ħwawar parti d-dejqa | settled | Triq il-Ħwawar | **CLEANSING** |
| 127 | 14/05/2025 | Traffic lights ta' B'Kara By-Pass mhux jiffunzjonaw | settled | Triq Dun Karm | **Traffic lights TM** |
| 128 | 15/05/2025 | Drenaġġ u rwejjaħ fi Triq G Abos, talba biex titnaddaf | closed | Triq G Abos | **WSC** |
| 129 | 20/05/2025 | Hemm żewġ bozoz mall-ħajt maqtugħin fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **CONTRACTOR** |
| 130 | 21/05/2025 | Talba għal traffic mirror fi Triq Ċ Busuttil faċċata ta' residenza li toqgħod nru. 4 fi Triq PM Vella. Din qed tgħid li ħabba l-inġenji li qed ikun hemm fis-sit li qed jinbena, mhux qed tara min hu tielgħa minn Triq Ċ Busuttil | pending | Triq C Busuttil | **CONTRACTOR** |
| 131 | 22/05/2025 | Hemm bozza maqtugha fuq arblu nru S019/28 fi Triq il-Klin c/w Triq Stefano Erardi | pending | Triq il-Klin | **ENEMALTA** |
| 132 | 22/05/2025 | Hemm makkinarju goff tal-Kuntrattur mal-ġenb tal-parking fi Triq il-Klin li ħabba fih ir-residenti mhux qed ikunu jistgħu idaħħlu l-vetturi fil-garaxx. Dan ilu madwar xhar u qed ikollha tħallu l-vettura barra | settled | Triq il-Klin | **IM** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 133 | 22/05/2025 | Hemm vann bin-numru FAA 907 ilu pparkjat taħt il-ħin tat-tabelli fi Triq San Mikiel għal dawn l-aħħar ġimgħat. M'huwiex tar-residenti. | pending | Triq San Mikiel | **POLICE** |
| 134 | 22/05/2025 | Hemm bozza maqtugħa mall-ħajt tar-residenza 7, Triq Mons P.P. Saydon | pending | Triq Mons P.P. Saydon | **CONTRACTOR** |
| 135 | 26/05/2025 | Ilment li fi Triq Ċensu Bugeja hemm construction site u l-makkinarju qed iħallu ż-żejt (oil spill) fit-triq. | closed | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |
| 136 | 24/05/2025 | Talba għal kinsa fejn 12 Triq G E Mercer | settled | Triq G E Mercer | **CLEANSING** |
| 137 | 24/05/2025 | Van Subaru abjad bla number plates ilu xhur fi Triq R Taylor | pending | Triq R Taylor | **COUNCIL** |
| 138 | 24/05/2025 | Hemm bżonn jiżdied id-dawl fi Triq il-Għargħur bejn il-Cortile u l-Aria | pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |
| 139 | 24/05/2025 | Ħaxix inqata' iżda irid jitnaddaf it-trab għax jerġa jikber u fl-istess ħin titwessa t-Triq Ħal Għargħur | pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |

## 13.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

13.5.1 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jitkellem mall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex issir fergħa għall-komunikazzjoni tad-drenaġġ biex jekk fil-futur il-Kunsill jiddeċiedi li tinbena latrina pubblika fiż-żona, l-infrastruttura underground tkun lesta. Dan fid-dawl tal-fatt li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja b'xogħlijiet fi Triq San Mikiel biex isolvu l-*overflow* ta' drenaġġ minn Triq Ġeronimo Abos.

Is-Sindku wieġeb li l-ideja li l-Kunsill jagħmel it-talba lill-Korporazzjoni hija waħda valida u jaqbel magħha ladarba se jkun qed isir xogħol infrastrutturali fi Triq San Mikiel. Se jkun qed jitlob laqgħa fl-immedjat mall-Korporazzjoni biex niddiskutu din il-possibiltà u jirrelata lura lill-Kunsill fis-seduta li jmiss.

13.5.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jikkunsidra li ssir latrina pubblika jew jipprovdi *mobile toilets* peress li fiż-żona ta' Triq San Mikiel m'hemmx fejn wieħed jinqeda. Spjega li ż-żona kummerċjali tal-Iklin tattira ħafna nies li ta' kuljum jiġu fl-Iklin biex jinqdew mill-istabbilimenti taż-żona u m'għandnhiex lattrina pubblika. Il-Kunsillier Matthew Fenech żied jgħid li mhux l-ewwel darba li kien rappurtat li n-nies iħammġu fil-faċilità tal-parkeġġ eżistenti jew fi *drive-ins* tar-residenti jew *off-street parking* tal-privat. Ċertament mhiex ħaġa sewwa u mhiex aċċettabbli.

Is-Sindku wieġeb li jaqbel perfettament mall-Kunsillier Fenech u jaqbel li l-Kunsill għandu jesplora x'inhuma l-possibiltajiet li jsir proġett idealment *urban greening* li fiha jkun jinkopora latrina pubblika.

13.5.3 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa dwar il-qatgħa ħamrija li hemm taħt il-Ġnien u l-*playing field* fejn staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel pjan biex jagħmel titjib u tisbiħ ta' *soft landscaping area.*

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li dik il-qatgħa ħamrija tagħmel parti mill-proġett propost tal-Kunsill li tinkludi wkoll *soft landscaping project*. Is-Sindku informa li kien talab appuntament mal-Onor. Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli biex isir il-pass li jmiss.

13.5.4 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq il-parkeġġ fi Triq il-Klin minħabba li l-knaten li jikkonfinaw il-faċilità tal-parkeġġ jinsab fi stat ħażin u f'periklu li jikkollassa u jweġġa lil xi ħadd.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill huwa responsabbli miż-żamma u l-manutenzjoni ta' proprjetà pubblika.

## 13.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

13.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Matthew Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri, Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

13.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Il-Kunsill awtorizza x-xiri tal-uniformijiet tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill mingħand il-fornitur Garmmo għall-prezz ta' Eur633.07 VAT inkluż;

## 13.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

13.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

13.7.2 Applikazzjoni PA/03094/25 – KD Apartments, Boracay, Triq Pawlu Grech c/w Triq May Butcher Iklin - Alterations to apertures on facades and internal alterations to approved drawings of PA 2544/00 and PA 529/06 of approved garage/store, showroom for commercial vehicles, overlying apartments and maisonette and construction and installation of lift.

13.7.3 Applikazzjoni PA/04035/25 – Razzett l-Abjad, Triq Ħal Għargħur, Iklin 'To sanction and propose ameliorations to existing wedding hall and landscaping area. To demolish several scattered structures on site. To demolish the existing roof over the reception hall and propose a new roof and roof garden. Proposed demolition of structures at the lower part of the property and to reinstate with soft landscaping. Proposed additional staff entrance and construction of a ramp and soft landscaping at the back of the property. Proposed guest and staff parking spaces.

13.7.4 Applikazzjoni PA/02684/25 – Ix-Xwieki, Iklin – 'To sanction structure for pv panels as shown on attached drawings.

13.7.5 Applikazzjoni PA/00725/25 – June Daisy, Triq Ċensu Busuttil and Wesgħa Louis J.B. Scicluna, Iklin – 'To demolish existing terraced house, excavate basement for private garages, and construct (2) maisonettes at ground floor level, (2) apartments at first, second and third floor respectively and one penthouse at receded floor level. (9 units in total).

## 13.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-MAR 2025

13.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report għall-perjodu ta' bejn Jannar u Marzu 2025.

13.8.2 L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta l-Overview & Summary, Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position and Depreciation of Property, Plant and Equipment.

13.8.3 Id-dħul fl-ewwel tliet xhur tas-sena kien ta' Eur88,658.00 filwaqt li l-ħruġ tal-ispejjeż kien jammonta għal Eur74,449.00. Id-deprezzament fuq PPE kien ilaħħaq l-ammont ta' Eur5,015.00.

L-allokazzjoni tal-Gvern kienet ta' Eur77,214.00. Dħul mill-permess kien jammonta għal Eur4,244.00. Dħul mill-LES kien jammonta għal Eur302.00 filwaqt li dħul ieħor iġġenerat mill-Community activities kien jammonta għal Eur6,898.00.

Għall-ewwel kwart ta' din is-sena, is-salarji ammontaw għal Eur27,554 filwaqt li l-*Operations & Maintenance* kienu jammontaw għal Eur30,610. Spejjeż amministrattivi kienu jlaħħqu l-ammont ta' Eur11,270.

Ir-rapport finanzjarju jikkonkludi li l-*financial permformance* fl-ewwel kwart tas-sena jirriżulta f'*surplus* ta' Eur14,209 u l-FSI huwa 62%.

13.8.4 Imbagħad is-Sindku Dott Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

13.8.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex ikun approvat dan ir-rapport finanzjarju.

13.8.6 Il-vot għadda *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 13.9 TWEĠIBA GĦALL-ITTRA TA' DIREZZJONI

13.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta t-tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri tal-Gvern.

13.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-Ittra ta' Direzzjoni u l-Accountant wieġeb fuq kull punt.

13.9.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

13.9.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

13.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku Dott Sciberras iffirmaw l-Ittra ta' Direzzjoni biex tintbagħat kopja oriġinali lill-Uffiċċju tal-Uditur Ġenerali NAO, lill-Udituri tal-Gvern Grant Thornton, u lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 13.10 POST MORTEM TAL-ATTIVITÀ KULTURALI FESTA FJURI 2025

13.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li b'mod ġenerali kellu kummenti pożittivi dwar l-attività u anke dwar l-għażla tal-post. L-attività kienet organizzata tajjeb u kollox kien ko-ordinat kif ippjanat. L-attività kienet waħda varjata minn esibizzjoni tal-arti fil-ġnien, żfin u mużika għal wirja tal-arti bil-fjura. Il-parteċipanti kollha inkluż l-artiġjani taw il-kontribut tagħhom u kellhom sehem mis-suċċess ta' din l-attività kulturali.

Semma wkoll kif l-Aġenzija LESA naqqset milli tagixxi fil-konfront ta' vetturi li baqgħu pparkjati minkejja li nġieb l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, minkejja li tweħħlu *tow away signs* 48 hrs qabel l-attività u ġew ippreżentati r-ritratti tal-vetturi pparkjati lill-Uffiċjal preżenti. Is-Sindku żied jgħid li nġiebu l-iskużi kollha biex il-vetturi ma jiġux irmunkati skont kif titlob il-liġi ladarba l-Kunsill kellu kollox *in regola*.

Informa li grazzi għall-intervent tal-pulizija li rnexxielhom jagħmlu l-kuntatti biex dawn il-vetturi tneħħew fl-aħħar ħin qabel bdiet l-attività. Mill-bqija kollox mexa ħarir u skont il-programm.

Rigward l-infiorata, ir-riżultat ma kienx wieħed sodisfaċenti u kif mistenni mill-Kunsill. Minkejja li l-Kunsill ħaseb kmieni biex jagħmel l-ordni tax-xitel, anke fuq esperjenzi tal-edizzjonijiet passati, jeħtieġ li l-Kunsill jara l-fatturi li wassal għal dan ir-riżultat. B'kuntrarju għal snin passati, din id-darba ix-xitla tal-*petunias* kienet *overgrown* hekk li ġiet deskritta bħala *leggy petunias*, li għalkemm tibqa xitla sabiħa iżda ma tissodisfax l-iskop li għaliha ġiet ordnata din ix-xitla. Lejn l-aħħar tal-attività kulturali, ix-xitel kollu disponibbli inġabar mir-residenti u l-pubbliku preżenti.

Is-Sindku irringrazzja pubblikament lill-Kunsillieri tal-impenn tagħhom, lill-parteċipanti kollha li reġgħu emmnu f'din l-attività kulturali, lill-*performers* li taw spettaklu u ferrħu lill-pubbliku preżenti u fl-aħħar u mhux l-anqas lir-residenti tal-koperazzjoni tagħhom biex din l-attività kulturali reġgħet ittellgħet għal darb'oħra b'suċċess.

13.10.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman kellha l-istess opinjoni dwar l-għażla tas-sit u l-attività *per se* fejn il-kummenti kienu pożittivi filwaqt li rrimarkat li rċeviet żewġ ilmenti minħabba l-egħluq ta' Triq Dun Karm (service road) li impattaw b'mod negattiv in-negozju. Il-Kunsillier Gusman irrimarkat ukoll li sabuha xi nies li ilmentaw li ma kienx hemm minn fejn jixtru x'jieklu u jixorbu.

13.10.3 Il-Kunsillier Matthew Fenech issuġġerixxa li l-Kunsill jista jikkunsidra l-possibiltà li Triq Dun Karm (service road) tibqa aċċessibbli għat-traffiku però ma jridx jitħalla parkeġġ filwaqt li jsiru xi tip ta' barrikati minħabba s-sigurtà fuq il-post tal-attività. Il-Kunsillier Fenech żied jgħid li l-Kunsill jista jikkunsidra wkoll l-ispazju ta' quddiem il-knisja biex tkun parti mill-attività.

13.10.4 Il-Kunsillier Mario Fenech faħħar l-organizazzjoni u qabel mall-kollegi Kunsillieri li l-għażla tal-post intlaqa tajjeb mir-residenti u mill-pubbliku inġenerali.

13.10.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo esprimiet l-istess fehma dwar l-għażla tal-post tal-attività fejn ir-rispons tar-residenti kien wieħed pożittiv, atmosfera ħelwa tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu u l-*istands* li ħadu ħsieb in-Nanniet Ikliniżi kienu okkupati il-ħin kollu tal-ġurnata. Il-kummenti tan-nies kienu pożittivi u ċertament jawgura tajjeb għall-edizzjonijiet futuri.

13.10.6 Is-Sindku Dott Sciberras ikkonkluda li l-attività marret tajjeb b'mod ġenerali, sintendi dejjem jibqa lok għal titjib però jawgura tajjeb għall-edizzjonijiet futuri.

**13.11 OPPORTUNITÀ TA' FONDI EWROPEJ MILL-PROGRAMM LEADER**

13.11.1 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lill-Kunsillier Mary Grace Gusman biex tirrelata dwar il-laqgħa li kellha mas-Servizzi Ewropej Malta.

13.11.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman tat spjegazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' fondi li hemm għad-dispożizzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-laqgħa kienet intenzjonata sabiex tara l-possibiltà li l-Kunsill jikseb il-fondi għall-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-lokalità. Il-possibiltà qegħda hemm iżda l-proġett irid isir fi żmien sena.

Il-Kunsillier Gusman semmiet li l-programm LEADER joffri diversi għajnuniet immirati għaż-żgħażagħ, irġiel u nisa, opportunitajiet biex jiġi organizzat taħriġ fi snajja artiġjanali bħal bizzilla u snajja oħra li uħud minnhom intilfu u oħrajn li qed jintilfu, fondi fuq restawr, fondi oħra li minnhom tista tgawdi l-lokalità, karatteristiċi marbuta mal-lokal bħal fil-każ tal-lokalità tagħna tal-Iklin fejn per eżempju jkun jista jsir studju dwar ix-xitla tal-klin u tespandi aktar dwar is-suġġett.

Il-Kunsillier Gusman spjegat li SEM jassistu anke fil-proċess tal-applikazzjoni u jekk tkun eliġibbli għall-proġett propost, il-*co-financing rate* huwa ta' 80%-20%.

13.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill huwa membru tal-Majjistral Action Group Foundation u hemm membership fee li tkun trid titħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li jekk il-Kunsill jixtieq jimbarka fuq xi proġetti partikolari bħal ma qed tipproponi l-Kunsillier Gusman bil-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-lokalità, ikun importanti li dawn il-proġetti proposti jidħlu fil-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill.

Żied jgħid li jekk il-Kunsill japprova l-proġett propost tal-Kunsillier Gusman, wieħed ikun jista japplika għal dan il-proġett appena l-Kunsill ikollu l-kontenut tal-pubblikazzjoni f'idejh peress li proġett ta' din ix-xorta jrid jitlesta fi żmien sena.

13.11.4 Ġie konkluż li l-Kunsill se jkun qed jirrevedi u jiddiskuti l-Pjan ta' Ħidma ta' din il-leġiżlatura li jkopri s-sena 2024-2029.

## 13.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

13.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju 2025 fil-5.30 pm.

13.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ġunju 2025 fil-5.30 pm.

13.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv